



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 21 ta' Jannar 2022
(OR. en)

5546/22

LIMITE

PECHE 17

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0292(NLE)

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: ST 14894/21 + ADD 1	
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed għall-2022 – Dikjarazzjoni minn Spanja

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness dikjarazzjoni minn Spanja.

Dikjarazzjoni ta' Spanja dwar l-implimentazzjoni tal-pjan pluriennali tal-UE għall-istokkijiet demersali fil-Mediterran tal-Punent

Spanja hija impenjata bis-sħiħ għall-irkupru tar-riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran, kif muri mill-appoġġ qawwi tagħha u l-applikazzjoni stretta tal-pjan pluriennali għall-Mediterran tal-Punent.

Barra minn hekk, Spanja hija impenjata li tikkonċilja kemm jista' jkun objettiv essenzjali ieħor, dak soċjoekonomiku, li jimmaterjalizza f'industrija tas-sajd kompetittiva li, minbarra l-impjiegi, tipprovdi benefiċċji innumerabbli bħala waħda mill-bażijiet tad-dieta Mediterranja, il-ħut, u l-appoġġ tal-komunitajiet tas-sajd tagħna li huma parti mill-wirt kulturali tagħna.

Biex jintlaħqu dawn l-oġettivi, ġew proposti miżuri alternattivi għat-tnaqqis addizzjonali fl-isforz abbażi tal-għeluq u s-selettività, li kienu jinvolve idma eżawrjenti mill-komunità xjentifika tagħna u kunsens importanti mal-industrija li għaliha huma indirizzati.

Spanja pproponiet l-adozzjoni ta' miżuri biex tittejjeb is-selettività abbażi tar-rapporti tal-STEFC, li jindikaw li hija aktar utli mit-tnaqqis fl-isforz tas-sajd innifsu, għall-ġestjoni soċjoekonomikament u bijoloġikament sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd. Madankollu, il-kompromess adottat fil-Kunsill ma stabbilixxiex inċentiv suffiċjenti għas-sajjieda biex jimplimentawh.

Spanja titlob, fid-dawl tal-aħħar informazzjoni xjentifika kollha li tista' tkun disponibbli, li ssir evalwazzjoni sħiħa ta' nofs it-terminu tal-applikazzjoni tal-pjan pluriennali, minħabba r-rilevanza u l-effetti enormi li attwalment għandu, u li qed ikollu għall-futur, fuq il-komunitajiet tas-sajd tagħna.
